# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 5 ta’ Novembru 2001

Citazzjoni numru 199/99 JM

Kawza numru

Anthony Fabri ghal Untours Insurance Agency Ltd. ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta’ Carmel Barbara

Vs

Manwel Buttigieg

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta’ Jannar 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fl-20 ta’ Gunju 1997 waqt li Carmel Barbara kien isuq il-Van Peugeot nru T-8004 f’San Gwann din sfat involuta f’habta mal-kar Skoda numru W-7610 u garrbet hsarat; illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti; illi minhabba ‘comprehensive policy of insurance’ favur Carmel Barbara l-istati kellu jaghmel fronti ghad-danni mgarrba minn dan u nkorra danni fl-ammont ta’ elf sitt mija u sitta u

erbghin lira u tnax-il centezimu; illi l-konvenut injora s-sejha tal-istanti ghal hlas tad-danni; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofra Carmel Barbara u li ghalihom ghamel ghamel fronti l-attur;
2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM1646.12 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-istanti l-ammont likwidat u dikjarat bhaladovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi LM11.50 ta' konsult u ittra u bl-imghax minn notifika ta' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-27 ta' Awissu 1999 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Carmel Barbara illi kien qed isuq il-vettura di proprjeta' ta' l-attur noe fil-hin tal-incident de quo.

Rat id-dikjarazzjoni wl-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' icembru 1999 ta'din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta' Marzu 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh gewwa San Gwann fl-inkrocju fornt bejn Triq Salvu Gatt fejn kien mixi Carmelo Barbara l-assikurat ta' l-attur u Triq Guze Borg minn fejn kien hiereg il-konvenut. Il-hsarat fil-vetturi kienu f'dik ta' Barbara fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem filwaqt li l-konvenut kellu hsara fuq in-naha tal-lemin ukoll fuq quddiem.

L-okkorrenza tal-incident presentata mill-ispettur Mario Tonna li investiga l-incident ma taghti ebda dawl dwar responsabbilita billi jinghad biss li saret il-habta hekk kif il-vetturi kienu qed jipprocedu fi triqthom. Li skizz tal-habtjuri l-vettura tal-konvenut mahruga l-barra minn Guze Borg, imdawrha lejn il-lemin bil-hsara fil-faccata filwaqt li l-vettura assikura mas-socjeta' attrici tidher kompletament "wrong side" ippuntata lejn il-kantuniera estrema tal-lemin u xi distanza boghod mil li-'spot of impact'. Il-hsara fil-vettura assikurata mal-attur kienet sostanzjali kif jidher mir-ricevuti ezebiti.

Carmelo Barbara jsostni li huwa kien mixi fi triq principali ghall-affari tieghu, jzomm kemm jista jkun man-nahha tax-xellug billi ried jnizzel xi hadd fuq dik in-naha tat-triq aktar l-isfel minn fejn gara l-incident. Hekk kif wasal qrib Triq Guze Borg huwa jghid li hares lejn ix-xellug u ma ra

xejn gej u kif ghaddej minn quddiem din it-triq harget vettura minn naha tax-xellug tieghu misjuqa mill-konvenut u baqghet diehla go fih.Il-konvenut sostna li huwa kien ghadu kemm rikeb il-karozza tieghu fi Triq Guze Borg fejn joqghod, avvicina l-inkrocju fejn normalment jieqaf kemm kemm u filwaqt li qed jisslowja gie milqut mill-vettura ta' Barbara. Il-konvenut ukoll ippretenda li kellu d-dritta u ma stenniex li Barbara jibqa' gej bl-ispeed li kien mixi – cioe speed qawwi.

Il-kwistjoni kollha fil-fehma ta' din il-Qorti tirrivolvi dwar min mis-sewwieqa kellu precedenza ossia liema mit-toroq in kwistjoni ghandha tigi kunsidrata bhala triq principali b'mod li vettura setghet tibqa' mixja filwaqt li l-ohra kellha tieqaf u thalli t-traffiku jghaddi. Iz-zewg sewwieqa ma jaqblux dwar dan ghalkemm donnu jidher li filwaqt li Barbara ma kellu ebda dubbju dwar il-posizzjoni tieghu ta' "main road user", il-konvenut jidher li dejjem hass li fl-inkrocju kellu jieqaf biex jara x'traffiku gej. Il-kwistjoni dwar precedenza tidher li giet stabbilita bl-aktar mod car mill-ufficjal li investiga l-kaz. Dan sostana bla tlaqliq li Triq Salvu Gatt hija triq principali li fuqha johorgu toroq sekondarji. Kien ghalhekk jinkombi lill-konvenut li jieqaf fl-inkrocju u jaghti precedenza lill-assikurat ta' l-attur. Haga li "ex admissis" ma ghamilx – anzi ppretenda li Barbara jiqaflu, u ghalhekk din il-Qorti ssib lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi.

Dwar danni ssir referenza ghad-dokumenti ezebiti mill-attur fejn jirrizulta li l-ispiza totali ghat-tiswijiet fil-vettura assikurata mal-attur kienet tammonta ghas-somma ta' LM1624.97 (mhux LM1629.97 kif jinghad fl-istatement tal-attur) u li flimkien mal-ispejjes necessarji tar-Road Accident Report u Survey jwasslu ghas-somma totali ta' LM1637.62 (mhux LM1646.12 kif jinghad fic-citazzjoni). Dwar dawn id-danni ma

jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut. Infatti fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2001 gie verbalizzat li kien hemm qbil dwar il-quantum tad-danni.

Dan premess izda jigi rilevat li mix-xhieda ta' Carmelo Barbara jirrizulta li l-polza ta' assikurazzjoni tieghu kienet suggetta ghall-"excess" ta' LM25. Dan l-ammont thallas minnu. Isegwi li l-asskurazzjoni qatt ma setghet tigi surrogata ghall-ammont intier kif inghad fuq izda ghall-ammont minnha imhallas u cioe wara li tnaqset is-somma ta' LM25 imhallsa mill-assikurat. Id-danni attrici ghalhekk qed jigu likwidati fl-ammont komplessiv ta' LM1612.62.

Fl-ahharnett ghandu jigi rilevat li d-data tal-incident in kwistjoni giet indikata hazin fic-citazzjoni billi l-incident sehh fl-20 ta' April 1997 u mhux fl-20 ta' Gunju 1997. Ghal kull buon fini din il-Qorti qedha tordna l-korrezzjoni tac-citazzjoni u dikjarazzjoni fis-sens li d-data tal-incident tigi taqra 20.4.97.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici qua assikuratur ta' Carmelo Barbara fis-somma ta' elf sitt mija u tnax-il lira maltin tnejn u sittin centezimu (LM1,612.62) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mil-lum stante li d-danni qeghdin jigu likwidati llum stess.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri